Sfidi ta’ Żminijietna fit-Talb

Novembru 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **sabiex ir-rikkezza tintuża tajjeb billi ma naqgħux għat-tentazzjoni tal-egoiżmu, iżda nqegħduha dejjem għas-servizz tal-ġid komuni b’solidarjetà ma’ min għandu inqas.**

Ninġabar:

Insib post għall-kwiet u nipprova nikkalma mill-ġenn tal-ġurnata. Nirringrazzja lil Alla għal dawk in-nies ta’ qalbhom tajba li joffru servizz għall-ġid komuni u għal dawk li huma fil-bżonn.

Fatt ċkejken:



Chuck Feeney (1931-2023) kien negozjant u filantropu Irlandiż-Amerikan. Huwa kien magħruf l-aktar għall-filosofija filantropika tiegħu, *“Agħti Matul Ħajtek”.* Huwa bena l-fortuna tiegħu bħala ko-fundatur tad-Duty Free Shoppers Group, u kien jivvjaġġa jbigħ bl-imnut prodotti lussużi. Iżda hu rrifjuta li jaqa’ fin-nasba tal-ġid. Chuck Feeney ta l-ġid tiegħu bil-moħbi għal ħafna snin, u għażel li jibqa’ anonimu. Fil-fatt, hu qassam aktar minn tmien biljun dollaru matul ħajtu. Huwa waqqaf organizzazzjoni internazzjonali, l-*Atlantic Philanthropies* fl-1982, biex tqassam ġidu madwar id-dinja għal kawżi u proġetti siewja u li huwa kien jappoġġja. L-għan wara t-twaqqif ta’ din il-fondazzjoni kien, li jtejjeb l-opportunitàjiet u jippromwovi l-ħaqq u d-dinjità. L-oqsma prinċipali li fihom kienet taħdem din l-organizzazzjoni kienu s-saħħa, l-edukazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem. Id-donazzjoni ta' 381.5 miljun dollaru lejn il-kawżi tas-saħħa u edukattivi fil-Vjetnam kienet eżempju wieħed tal-proġetti li Chuck Feeney kien iffinanzja. Dawn kienu jinkludu fondi biex jiġu mmodernizzati s-sistemi pubbliċi u tas-saħħa primarja tal-pajjiż, u biex jippromwovu mġieba aħjar min-naħa taċ-ċittadini.

Il-ħajja u l-wirt ta' Chuck Feeney iservu bħala eżempju qawwi ta' kif individwu wieħed jista' jkollu impatt profond fuq id-dinja permezz ta' ġenerożità u impenn għal kawżi soċjali. L-istorja tiegħu tkompli tispira ġenerazzjonijiet futuri ta’ filantropi.

Naħseb ftit:

Jien nikkonċentra biss fuq il-bżonnijiet tiegħi u ma nindunax b’min hu għaddej minn żminijiet diffiċli? Qatt nieqaf naħseb dwar membri oħra fil-komunità tiegħi, speċjalment dawk li jista' jkollhom bżonn ta’ xi għajnuna u appoġġ jew li huma fil-bżonn?

Nitlob:

Nitolbok Mulej sabiex tibgħat l-iSpirtu Qaddis Tiegħek fuq il-komunità tagħna, biex jimlielna qalbna bl-imħabba u l-kompassjoni, biex nagħrfu li aħna lkoll ulied prezzjużi tiegħek, u li jixirqilna rispett u tjubija.

Kliem ta’ dawl:

Il-kobor tal-komunità jitkejjel bl-aktar mod preċiż bl-azzjonijiet li juru kompassjoni lejn il-membri tagħha. *Coretta Scott King*

X’nista’ nagħmel:

Nipprova nibni relazzjonijiet b'saħħithom u sinjifikanti fil-komunità tiegħi. Nitkellem mal-kappillan tal-parroċċa tiegħi u noffri l-għajnuna tiegħi biex jinħoloq spirtu ta' inklusiżività u ta’ merħba għal dawk li jgħixu fil-periferiji tal-komunità tagħna.